# Le għar-rave parties fil-Buskett

## BirdLife Malta tikkundanna r-*rave parties* b'mużika għolja li qed jitħallew isiru b'mod regolari f'dan is-sit Natura 2000, speċjalment f'dan iż-żmien tas-sena waqt il-passa tat-tajr tal-priża

Illejla BirdLife Malta ġiet infurmata li bħalissa qed isir *rave party* fil-Buskett.

Dan hu kompletament inaċċettabbli u BirdLife Malta tikkundanna r-*rave parties* b'mużika għolja li qed jitħallew isiru fil-Buskett, speċjalment f'dan iż-żmien sensittiv tas-sena waqt il-passa tat-tajr tal-priża.

Aktar kmieni llum 'il fuq minn sittin Astun Iswed (Black Kites) kienu osservati jfittxu kenn fl-inħawi biex isibu post fejn iqattgħu l-lejl. Dawn spiċċaw disturbati meta bdiet tindaqq mużika għolja bi tħejjija għal dak li jidher li hu *party* kbir li qed jiġi organizzat fiz-zona.

BirdLife Malta tfakkar li l-Buskett jifforma parti min-netwerk ta' siti protetti Natura 2000 u qed isir investiment bil-għan li tibqa' tikber u titkattar aktar il-biodiversità f'dan il-post. Avvenimenti bħal dawn imorru għalkollox kontra l-ispirtu ta' riserva naturali, speċjalment sit Natura 2000. BirdLife Malta tħeġġeġ lill-Awtorità Maltija tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) biex tinvestiga mill-ewwel dak li ġara llejla fil-Buskett u tittama li tinstab soluzzjoni kemm jista' jkun malajr għal din il-kwistjoni.

Dak li seħħ illum ma jistax jirrepeti ruħu u BirdLife Malta tfakkar lill-awtoritajiet fl-obbligi li għandhom li jimmaniġġjaw siti Natura 2000 kif inhu mistenni.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org